**ĠUNJU 2007** **NUMRU 222**



## GRAZZI SINJUR ALLA U AĦFIRLI SINJUR ALLA

### Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Qegħdin fl-aħħar kwart tas-Sena Soċjali. Tajjeb li naraw x'wettaqna bħala membri. Jekk twettaqx il-Motto li biħ bdejna. Fl'Azzjoni Flimkien ! . . . ..

Dawk iċ-Ċirkoli li mxew fuq il-programm tal-Lezzjonijiet tal-Ħuġġieġa, jista' jagħti l-kas li waslu biex jispiċċaw il-lezzjonijiet . . . jagħmlu tajjeb ħafna li fil-laqgħat li ġejjin jerġgħu jirrepetu l-lezzjonijiet .. . ir-Repetizzjoni tgħin ħafna! Tistennewx li nkunu nafu kollox, dak li tgħallimna, jinħtieġ li nirrepetuh.

Din is-sena Ġunju se jkun xahar speċjali għalina . . . Il-Kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca. Jum importanti ħafna, għax nafu li meta l-Papa jiddikjara lil xi ħadd qaddis, ikun infallibbli, jiġifieri ma jistax jiżbalja. Mela nemmnu li dak li għex magħna, dak li mexa fit-toroq tagħna, dak li qaddes u amministra s-sagramenti u għallem fil-knejjes tagħna qed igawdi lil Alla wiċċ'imb'wiċċ . . . . u nittamaw li għad niltaqgħu miegħu fil-ġenna . . . la wasal hu, aħna għax le ???

Ġunju huwa xahar li fih infakkru liturġikament żewġ misteri kbar . . . il-Misteru tat-Trinità Qaddisa, Alla wieħed fi tliet Persuni, Misteru li għarrafulna Ġesù. Misteru moħbi għall-intelliġenza ta' moħħna imma magħruf għal fidi tagħna. Mhux kemm nafu l-importanti fuq dan il-misteru, imma kemm nemmnu u nħobbu. Nemmnu għax qalulna Ġesù u nħobbu għax Alla huwa tant kbir u infinit li Lilu jixraq kull tifħir u glorja, għal dejjem ta' dejjem. . .

It-tieni misteru li nfakkru f'dan ix-xahar, huwa l-Misteru ta' l-Ewkaristija Mqaddsa . . . Misteru ta' mħabba, li Ġesù tant ħabbna li tana lilu nnifsu biex ikun ikel ta' ruħna u jibqa' magħna fit-tabernakli

tagħna fejn kollha kemm aħna nsibu ħin, u ma nħallu qatt jum wieħed biss li ma nżurux Ħabib hekk kbir tagħna . . ."Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu fih il-ħajja ta' dejjem . ." mela l-Ewkaristija hija rahan tas-salvazzjoni . . .

Tajjeb ukoll insemmu li f'dan ix-xahar il-Liturġija tfakkarna fl-imħabba ta' Ġesù u biex jurina din l-imħabba nqeda bil-qaddisa umli u sempliċi Santa Marija Margerita Alacoque .. Il-veru devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù tikkonsisti filli npattu din l-imħabba nfinita lejna, b'imħabba oħra, u min iħobb ma jħobbx waħdu imma jaħdem biex ħaddieħor iħobbu wkoll.

**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

Ass. Ekkl. Ġenerali

*Nota :* Infakkru li l-Information Sheet, m'għandhiex tinżamm għand xi membru tal- Kumitat, imma wara li tinqara titwaħħal fil-post tal-laqgħat fejn il-membri jistgħu jaqrawha.

## MADWARNA

**Laqgħa Ġenerali**

Fil-21 ta' Ġunju se nerġgħu niltaqgħu għal-Laqgħa Ġenerali. Il-Laqgħa Ġenerali hi l-unika okkażjoni fejn kull min għandu pożizzjoni ta' responsabbilità fl-Azzjoni Kattolika jiltaqa' flimkien biex jiddiskuti jew il-programm tas-sena jew żviluppi ġodda fl-Azzjoni Kattolika.
Din id-darba l-laqgħa se tkun ta' importanza kbira għaliex se jiġu ppreżentati proposti għal tibdil fl-Istatut ta' l-Azzjoni Kattolika.
L-aħħar darba li ġie rivedut l-Istatut li qegħdin immexxu fuqu kien fl-1962 jiġifieri 45 sena ilu. Hu statut tajjeb ħafna u ddettaljat. Imma minn dak iż-żmien 'l hawn sar ħafna tibdil fl-Azzjoni Kattolika. Bdew inizjattivi ġodda li ma humiex koperti b'dan l-Istatut. Xi kumitati ta' tmexxija Ċentrali ma għadhomx jiltaqgħu għaliex ma għadux jinħass il-bżonn tagħhom. Daħlu fis-seħħ liġijiet ġodda li rridu nikkonformaw magħhom. Il-Laqgħa Ġenerali se sservi biex nitkellmu dwar dawn il-punti kollha u biex b'mod demokratiku niddeċiedu flimkien il-futur ta' l-Għaqda tagħna. Wara l-Laqgħa Ġenerali ikun jrid jiġi ffinalizzat abbozz ta' l-Istatut il-ġdid biex jiġi ppreżentat lill-Monsinjur Arċisqof għall-approvazzjoni tiegħu. Bħalissa d-Direttorju qiegħed jiltaqa' darba fil-ġimgħa biex jiffinalizza l-proposti.

**Nittama li kulħadd iħoss l-obbligu li jattendi għal din il-laqgħa hekk importanti.**

**Parteċipazzjoni fil-Fiera tal-Volontarjat**

L-Azzjoni Kattolika pparteċipat bi *stand* modern f'din il-fiera. Minn barra minn hekk kienet waħda mill-għaqdiet li ġiet mistiedna mill-Moviment tal-Fokolari biex tgħin fl-organizzazzjoni ta' seminar 'Flimkien għall-Ewropa' li saret fis-Sala tal-Konferenzi fit-*Trade Fair Grounds*. Membru ta' ŻAK Siggiewi ppreżentat.
Kienet ix-xewqa tal-Moviment li din il-Laqgħa tiġi organizzata mill-grupp ta' għaqdiet u movimenti bħal ma sar ġimgħa qabel fi Stuttgard.

**Il-Ftuħ uffiċjali tal-bini l-ġdid f'Dar Familja Mqaddsa**

Il-ftuħ uffiċjali tal-parti l-ġdida tad-Dar hu ppjanat li ssir fit-30 ta' Settembru mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof Pawl Cremona. Il-bini l-ġdid jikkonsisti fi tmintax il-kamra tas-sodda bil-kamra tal-Banju, u kmamar oħra għal servizzi essenzjali, *store* kbir u estensjoni tal-kappella. Il-kmamar il-ġodda huma diġà kollha okkupati.

**Pellegrinaġġ f'Ruma għall-Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca**

Tlieta u sittin ruħ se jingħaqdu ma' l-Azzjoni Kattolika għall-pellegrinaġġ li tiela' Ruma fl'okkażjoni tal-kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca. Il-pellegrinaġġ se jkun immexxi minn Patri Damian Cachia O.Carm.
**Joyce Pullicino President Ġenerali**

# LAQGĦA ĠENERALI

# IL-ĦAMIS, 21 TA' ĠUNJU 2007

# Mil-5.30 P.M. SAT- 8.00 P.M.

# SALA MONS GONZI - ISTITUT KATTOLIKU

# FLORIANA

Huma mistennija jipparteċipaw : -

- il-membri tad-Direttorju Ġenerali
- il-membri tal-Kunsill Ċentrali tal-Friegħi, tal-Kummissjonijiet u tal-Movimenti,
- il-Presidenti taċ-Ċirkoli jew rappreżentant/a tagħhom flimkien ma' żewġ membri oħra.

Il-parteċipanti huma mitluba li jkunu fis-sala fil-ħin biex il-laqgħa tibda fil-5.30 p.m. preċiż.

Il-mexxejja taċ-Ċirkolu għandhom iħossu r-responsabbiltà li ċ-Ċirkolu tagħhom ikun rappreżentat bi sħiħ għal din il-laqgħa.

## Fergħa Rġiel

| | |
|---|---|
| It-Tnejn 18 ta' Ġunju 2007 | **Laqgħa** tal-Kunsill Ċentrali fil-5.30 p.m. |
| Il-Ħamis 21 ta' Ġunju 2007 | Laqgħa Ġenerali mil-5.30 p.m. sat-8.00 p.m. fis-Sala Mons Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |

## Fergħa Nisa

| | |
|---|---|
| It-Tlieta, 5 ta' Ġunju 2007 | Ħarġa għal Għawdex għar-Romol |
| Il-Ħamis,14 ta' Ġunju 2007 | Kunsill Ċentrali - Programm għas-sena Soċjali 2007/8 |
| Il-Ħamis 21 ta' Ġunju 2007 | Laqgħa Ġenerali mil-5.30 p.m. sat-8.00 p.m. fis-Sala Mons Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ħamis 12 ta' Lulju 2007 | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |

## Fergħa Xebbiet Adulti

| | |
|---|---|
| It-Tlieta, 5 ta' Ġunju 2007 | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |
| Il-Ħamis, 14 ta' Ġunju 2007 | Pizza / Pasta Night (dettalji jingħataw b'ċirkulari). |
| Il-Ħamis 21 ta' Ġunju 2007 | Laqgħa Ġenerali mil-5.30 p.m. sat-8.00 p.m. fis-Sala Mons Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |

Inħeġġu lill-membri biex matul ix-xahar ta' Ġunju jżidu fid-Devozzjoni lejn il- Qalb ta' Ġesù u jitolbu bl-interċessjoni ta' San Ġorġ Preca.

## Gruppi Koppji Miżżewġin

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 21 ta' Ġunju 2007 | Laqgħa Ġenerali mil-5.30 p.m. sat-8.00 p.m. fis-Sala Mons Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |

Infakkrukom li l-aħħar adorazzjoni għall-vokazzjonijiet li ssir fis-Seminarju tal-Virtù, se tkun nhar il-Ħamis, 14 ta' Ġunju 2007. L-A.K. imissha bejn il-5.30 p.m. u s-6.30 p.m. Il-quddiem ninfurmawkom meta jerġgħu jibdew.

Il-Gruppi Koppji tal-Ħamrun Kunċizzjoni, B'Bugia, Balzan, Naxxar u Rabat jiċċelebraw l-għasar fuq Dingli Cliffs, fi nżul ix-xemx nhar it-13 ta' Ġunju 2007 fis-7.00 p.m. Niltaqgħu hdejn il-Kappella ta' Santa Madalena.

Koppji Rabat jagħalqu s-Sena Soċjali b'Quddiesa nhar il-5 ta' Lulju 2007 fis-7.30 p.m.
Carmen u Joe Agius Delicata

## Fergħa Żgħażagħ Azzjoni Kattolika Ż.A.K.

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd, 10 ta' Ġunju 2007 | Support Group għal-*leaders* taż-ŻAK |
| It-Tnejn, 11 ta' Ġunju 2007 | Laqgħa ta' formazzjoni għal *leaders* f'Birkirkara. |
| It-Tnejn, 18 ta' Ġunju 2007 | Laqgħa ta' formazzjoni għal *leaders* f'Birkirkara. |
| Il-Ħamis, 21 ta' Ġunju 2007 | Laqgħa Ġenerali mil-5.30 p.m. sat-8.00 p.m. fis-Sala Mons Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| Is-Sibt, 23 ta' Ġunju 2007 | Attività li tikkonsisti f'logħob għal leaders taż-ŻAK. |
| Il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju – Il-Ħadd 1 ta' Lulju | Leadership training għal ħafna mill-Leaders |

## MOVIMENT GĦALLIEMA KATTOLIĊI

| | |
|---|---|
| L-Erbgħa,13 ta' Ġunju 2007 | Kors ta' Spiritwalità LaSaljana fis-6.00 p.m. |
| L-Erbgħa, 20 ta' Ġunju 2007 | Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 p.m. |
| Il-Ħamis 21 ta' Ġunju 2007 | Laqgħa Ġenerali mil-5.30 p.m. sat-8.00 p.m. fis-Sala Mons Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana. |

Għal aktar informazzjoni ċemplu fuq 21247793

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

Attività lit-Tfal fit-Teatru ta' l-Istitut Kattoliku

Bħala ringrazzjament lit-tfal li jkunu ġabru flus fl-Avvent u waqt il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju 2007, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-A.K., se jorganizza varjetà fl-Auditorium ta' l-Istitut Kattoliku nhar l-Erbgħa 6 ta' Ġunju 2007, Floriana, mill-5.15 p.m. sas-7.30 p.m. Se jkun hemm kant, maġija u logħob. Napprezzaw il-preżenza ta' helpers.

Il-Ħadd, 1 Ta' Lulju 2007, Festa tal-Beatu Nazju Falzon, Patrun tas-Segretarjat Assistenza Soċjali

**SERVIZZ BIL-MINIBUSES - PROPJU GĦAL MIN ĦAFNA DRABI HU MINSI F'DARU**

Żgur li hawn anzjani fil-parroċċi tagħkom li minħabba l-kundizzjoni tagħhom ma joħorġux. Ejjew niftakru fihom minn żmien għal żmien. Ibbukkjaw Ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-komunità. Ċemplu 21226920 u ħallu messaġġ fuq l-Answering Machine u s-Sur Joe Theuma jċempel lura hu stes - Mobile Joe Theuma - 99452768. F'kas ta' diffikultà ċemplu uffiċċju SAS 21220286.

SAN MIKIEL TAL-QADDISIN KOLLHA, PATRUN TAL-MORDA BIL-KANĊER
SOLIDARJETÀ FIT-TALB MA' ĦUTNA MORDA BIL-KANĊER
QUDDIESA, IL-ĠIMGĦA ,6 TA' LULJU 2007 FIS-6.30 P.M.

Il-Membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika huma mistiedna għal din il-Quddiesa fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Valletta, biex nitolbu għall-morda bil-Kanċer u l-familjari tagħhom.

**PASTA BUFFET**
**B'RISQ ID-DAR FAMILJA MQADDSA**
**NHAR IS-SIBT 16 TA' ĠUNJU 2007 FIS-7.15 P.M.**
**BOOKING 21410015 JEW 21438025**

Il-45 Sena mit-Twaqqif tas-Segrtarjat Assistenza Soċjali ta' l-A.K.

Il-Kunsill tas-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika jixtieq jirringrazzja mill-qalb lill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Pawl Cremona O.P. Arċisqof ta' Malta li għoġbu jmexxi Konċelebrazzjoni bħala Radd il-Ħajr lil Alla f'din l-okkażjoni hekk sabiħa. Nirringrazzjaw ukoll lis-saċerdoti li kkonċelebraw fosthom id-Delegat ta' l-Arċisqof Mons. Victor Grech, Mons. Victor Zammit McKeon, Direttur tad-Djar tat-Tfal, Mons. Richard Borg, Arċipriet tal-Furjana, Patri Damian Cachia O.Carm, Assistent Ekkleżjastiku ta' l-Azzjoni Kattolika, Kan. Ġwann Ciarlò, Editur tal-Leħen is-Sewwa u Saċerdoti oħra.

Grazzi speċjali lill-President Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika, Miss Joyce Pullicino, Membri tad-Direttorju, Kunsill Ċentrali SAS, Kunsill Ċentrali u Membri ta' l-Azzjoni Kattolika.

Kienet okkażjoni verament sabiħa fejn flimkien irringrazzjajna lil Mulej ta' dak kollu li sar mis-SAS tul dawn is-snin kollha u tlabnih jagħtina l-kuraġġ biex nissoktaw bil-ħidma tagħna fi ħdan is-Segretarjat favur il-bniedem fil-bżonn.

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

**SOLIDARJETÀ** Il-Programm li tippreżenta l-A.K.M. iddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità, bl-isem Solidarjetà jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-8.30 p.m. fuq Radju Malta. Dawn huma d-dati tal-Programm tagħna għal Ġunju 2007: 3, 10, 17 u 24.

Eżekuttiv: Nhar l-Erbgħa 13 ta' Ġunju fis-6.00 p.m.

**LAQGĦA MAR-REDENTUR**

Nhar is-Sibt 16 ta' Ġunju 2007 se ssir il-laqgħa Annwali mar-Redentur fl-Isla. Iqaddes il-Pro Vigarju Rev. Anton Gouder.

**DAR FAMILJA MQADDSA - NAXXAR**
**EJJEW U ĠIBU L-FAMILJARI U ĦBIEB TAGĦKOM**
**GARDEN DINNER - IS-SIBT 21 TA' LULJU 2007 FIS-7.15 P.M.**
**FIL-ĠONNA TAD-DAR TA' L-ANZJANI TAN-NAXXAR**
**LI TMEXXI L-AZZJONI KATTOLIKA**

Preżentatur : Charles Saliba
Jieħdu sehem l-aħjar kantanti fix-xena lokali.
Jekk kull ċirkolu jibbukkja mejda jew tnejn nimlew il-ġnien malajr. Tieħdu pjaċir żgur għax l-esperjenza ta' l-aħħar għaxar snin hekk uriet u tkunu qed tgħinu lid-Dar ta' l-Anzjani Familja Mqaddsa - Naxxar.
Booking : 21410015 / 21438025

**L-Information Sheet Bl-email**

Tixtieq tirċievi l-Information Sheet bl-email? Ibgħat it-talba tiegħek permezz ta' email indirizzata lill-infosheet@akmalta.org

**Ħinijiet Tas-Sajf fl-Istitut Kattoliku:**

i. Mil-1 sal-31 ta' Lulju 2007 mit-8.30 a.m. sas-7.00 p.m.
ii. Mill-1 sal 31 ta' Awissu 2007 mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m.
iii. Mill-1 ta' Settembru 'l quddiem mit-8.30 a.m. sad-9.00 p.m.

# L-AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA

# SER TORGANIZZA

# ĠITA FIS-SAJF

# GĦALL-LOURDES (FRANZA)

## *DATA: MIT-13 - 18 T'AWISSU*



GHAL BOOKING U AKTAR INFORMAZZJONI

ĊEMPLU 21 222239

**Tistgħu tiġbru l-programm mill-Uffiċċju ta' L-Azzjoni Kattolika - Floriana jew mill-bookshop ta' l-Azzjoni Kattolika - Floriana**

# PROGRAMM - Lourdes

## It-Tnejn 13 ta' Awissu

Fis-7.30 pm niltaqgħu mat-Tour Leader tagħna fl-ajruport KM 7446 ta' l-AirMalta lejn **LOURDES.** Imorru mill-ewwel fil-lukanda tagħna fejn nieħdu l-kmamar tagħna għall-mistrieħ.

## It-Tlieta 14 ta' Awissu

Dalgħodu immorru mat-Tour Leader tagħna għall-ewwel żjara u talb tagħna fis-***Santwarji.*** Naraw it-***Tlett Basiliki*** fuq xulxin kif ukoll immorru fejn il-***Grotta*** fejn inkunu nistgħu nidħlu wara l-artal sabiex b'qima kbira immissu u nbusu il-blat tal-***Grotta Mqaddsa***. Naraw ukoll l-ilma ġieri mirakoluż. Dalgħodu jkollna ukoll l-ewwel quddiesa tagħna bil-Malti u min irid nistgħu anke naraw il-video uffiċjali ta' Lourdes. Wara l-ikla tagħna fil-lukanda illum ikollna eskursjoni għall-famusi **GROTTI TA' BETHARRAM**. Dawn il-Grotti ġew iffurmati fil-muntanji b'mod naturali bl-ilma li għadda min ġo fihom tul is-sekli. Illum għad fadal ftit biss mix-xmara, iżda min fejn għadda l-ilma ħalla warajh ġmiel naturali. Il-kowċ tħallina fuq il-muntanja min fejn nidħlu fil-grotti u bil-mod flimkien mal-gwida ninżlu sakemm naslu fejn ix-xmara eżistenti fil-muntanja stess. Hawnhekk naqsmu x-xmara fuq dgħajsa apposta mbagħad nirkbu trejn zgħir li jgħaddina qalb l-aħħar parti tal-muntanja. Hawn insibu l-kowċ tagħna tistenniena. Wara l-ikla tagħna imbagħad nistgħu nerġgħu mmorru ħdejn il-grotta sabiex nipparteċipaw fir-reċta tar-Ruzarju Mqaddes waqt il-purċissjoni ***Aux Flambeaux***.

## L-Erbgħa 15 ta' Awissu

Illum imorru flimkien 'taħt l-art' fiż-żona sagra tal-Bażilika San Piu X fejn nipparteċipaw fil-Quddiesa Internazzjonali. Wara mmorru fejn il-Grotta sabiex flimkien nagħmlu t-talb tagħna lill-Madonna. F'nofs in-nhar imorru l-lukanda għall-ikla tagħna sabiex wara ikollna eskursjoni għal **BARTRES** u **TARBES**. F'Bartres naraw fejn kienet tgħix u titlob Bernardette. F'Tarbres immorru inzuru l-akbar shopping centre modern – **Le Meridien Shopping Arcade.** Fis-7.00pm ikollna l-ikla tagħna fil-lukanda imbagħad wara nistgħu nerġgħu mmorru ħdejn il-grotta sabiex nipparteċipaw fir-Rużarju Mqaddes.

## Il-Ħamis 16 ta' Awissu

Illum ikollna dik li ħafna jqisu bħala l-isbah eskursjoni viċin ta' Lourdes meta mmorru **PONT D'ESPAGNE**. Dan hu forsi l-aktar pont spettakkolari fiz-zona kollha għaliex propju taħtu jingħaqdu tlett kaskadi ta' ilma neżlin mill-muntanji tal-madwar. Biex nitilgħu ħdejn il-pont nistgħu nagħżlu il-Cable Car (ħlas extra). Wara l-ikla ta' nofs in-nhar illum ikollna ftit ħin liberu fejn is-santwarji. Fis-sagħtejn u nofs jiftħu l-**banjijiet** filwaqt li fl-4.30 pm nistgħu niltaqgħu sabiex nagħmlu adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat u fil-5.00pm ningħaqdu għal-purċissjoni bis-sagrament u **t-tberik tal-morda**. Nistgħu wkoll nagħmlu l-Via Sagra fl-għolja fejn is-Santwarju. Wara l-ikla tagħna mbagħad nistgħu nerġgħu mmorru ħdejn il-**Grotta** għat-talb tagħna.

## Il-Ġimgħa 17 ta' Awissu

Wara l-kolazzjon tagħna illum nistgħu immorru sas-**Santwarju** għall-quddiesa tagħna. Wara mbagħad min hemm stess illum ikollna eskursjoni bil-mixi mat-Tour Leader tagħna madwar il-belt ta' **Lourdes**. Nibdew mill-**Mitħna Boly** fejn twieldet *Bernardette* u għexet l-ewwel għaxar snin ta' ħajjitha. Immorru ukoll fil-**Knisja Parokkjali tal-Qalb ta' Ġesù** fejn tgħammdet Bernardette kif ukoll il-Cachot fejn kienet tghix Bernardette meta kienet tidrilha l-**Madonna.** Tard filgħodu nirritornaw lura l-lukanda sabiex nagħmlu ċ-ċheck-out u nieklu ikla ta' nofs in-nhar tagħna. Wara l-ikel immorru fuq l-eskursjoni tagħna, illum lejn **PAU.** Pau hija belt tipikament Franċiza fejn mhux biss naraw iċ-ċentru storiku u l-kastell ta' Enriku IV iżda ukoll ikollna ċans għax-xiri fl-istabbiliment modern ta' **AUCHAN** propju barra Pau fit-triq lejn Lourdes. Nirritornaw il-lukanda sabiex nieklu l-ikla tagħna. Wara nistgħu mmorru għall-aħħar talb tagħna fejn il-grotta qabel l-10.30pm meta tiġi għalina l-kowċ biex mill-lukanda teħodna l-ajruport.

## Is-Sibt 18 ta' Awissu

Hekk kif naslu l-ajruport nagħmlu ċ-ċheck-in tagħna sabiex mbagħad intiru lura lejn Malta fuq it-titjira KM 7447 ta' l-AirMalta diretta (0050 – 0305).

**Rati**



| | |
|---|---|
| Adulti – F'kamra trippla | Lm 170 – EUR 396.00 |
| Adulti – F'kamra doppja | Lm 172 – EUR 400.65 |
| Adulti – F'kamra singola | Lm 188 – EUR 437.92 |
| Tfal (2-11) f'kamra ma żewġ adulti | Lm 135 – EUR 314.47 |

**Ir-rati ta' hawn jinkludu:**

- **Titjira diretta lejn Lourdes u lura**
- **Transfers mill-ajruport għall-lukanda u lura**
- **4 iljieli fil-lukanda 3 star stabbilita tagħna**
- **4 Kolazzjoni, 4 ikliet ta' nofs in-nhar u 4 ikliet ta' filgħaxija fil-lukanda tagħna.**
- **Kmamar bil-faċilitajiet privati kollha**
- **Tour information Pack b'xejn għal kull kamra**
- **Servizz ta' Tour Leader – Direttur Spiritwali magħna il-hin kollu (Patri Damian Cachia – Ass. Ekklesjastiku – Azzjoni Kattolika**

| **Eskursjonijiet Opzjonali** | | |
|---|---|---|
| Grotti ta' Betharram | Lm 10.00 | EUR 23.29 |
| Bartres u Le Meridien | Lm 5.00 | EUR 11.65 |
| Pont d'Espagne | Lm 10.00 | EUR 23.29 |
| Pau u Auchan | Lm 10.00 | EUR 23.29 |
| It-tfal 2 -11 iħallsu | Lm 20.00 | EUR 46.59 |
| | | |
| **Extras Obligatorji** | | |
| Taxxi kollha | Lm 49.00 EUR 114.14 | |
| | | |
| **Extras Opzjonali** | | |
| Assikurazzjoni ta' | l-Ivvjaġġar Budget mal-Middle Sea | |
| Adulti | Lm 9.00 EUR 20.96 | |
| Tfal 2 -11 iħallsu | Lm 5.00 EUR 11.65 | |

## Għall-booking wieħed jista jċempel fuq 21 222239 is-Segreterija ta' l-Azzjoni Kattolika

**Il-lukanda tagħna 3 star Hotel de Paris – www.hotelparislourdes.com - Din il-lukanda hija 50 METRU BISS bogħod mis-SANTWARJU MQADDES u għandha l-faċilitajiet kollha private.**

**Min jibbukja pakkett komplut iħallas:**

**Adulti – F'kamra trippla – Lm 263.00 – EUR 612.63**
**Adulti – F'kamra singola – Lm 281.00 – EUR 654.55**
**Adulti – F'kamra doppja – Lm 265.00 – EUR 617.28**
**Tfal (2 – 11 sena) f'kamra ma żewġ adulti - LM 209.00 – EUR 486.84**

***Trid tagħti rigal b'differenza***

# *fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika – Istitut Kattoliku - Floriana*



***Wieħed isib:***




***Għax-xahar ta' Ġunju varjetà ta' rigali għall-Ewwel Tqarbina u għall-Jum il-Missier***




***Kif ukoll kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliz – għal kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, kartolini, stationery, rigali u ħhafna affarijiet oħra.***

***Issibu ukoll kemm 'cards' tal-' Vodafone' kif ukoll tal-'Go Mobile '. Jistaw jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.***

***Ħinijiet tal-Ftuħ:***
***Matul il-ġimgħa - 9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar***
***4.00 sas 7.30 ta' filgħaxija***
***is-Sibt – filgħodu biss***






***Tel: 21 237031***

***Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***






